VERITAS ET JUSTITIA

ĠUNJU 2023

# IS-SEMINARJU











# KEMM JOLQTUNI N-NAĦAL!

FR CARLO CALLEJA - VIĊI RETTUR



Dawn il-ħlejjaq beżlin jagħmlu ħidma imprezzabbli. Huma jixorbu meraq tal-fjura *(nectar)* li jkun hemm fil-qalba tal-fjura biex imbagħad ibiddluh f'għasel bnin. Imma wara din il-ħidma hemm proċess ieħor għaddej. Il-*pollen* ta' fjura jeħel ma' ġisimhom biex waqt li jmorru fuq fjura oħra biex jixorbu l-ġulepp tagħha, iħallu l-pollen tal-ewwel fjura fuq it-tieni waħda. Dan il-proċess ta' indukrar*(cross fertilisation)* jgħin biex il-karatteristiċi ta' pjanta partikolari jitħalltu ma' dawk ta' pjanta oħra u b'hekk il-pjanta l-ġdida li titnissel minn dan il-proċess tieħu l-aħjar miż-żewġ pjanti. B'hekk iċ-ċiklu tal-ħajja jkun jista' jitkompla.

Jekk irridu nwasslu l-Evanġelju għand kulħadd, kif talab minna l-Papa Franġisku fiż-żjara tiegħu f'Malta, jeħtieġ li nħallu n-naħal jgħallmuna.

Il-qassis irid ikun kapaċi mhux biss jevanġelizza iżda wkoll iħalli lilu nnifsu jkun evanġelizzat, l-aktar mill-foqra. Għandu jagħraf li l-Aħbar it-Tajba ma tasalx għand ħaddieħor, jekk mhux f'relazzjoni mal-oħrajn, u f'kuntest u lingwaġġ li jagħmel sens għal min jesperjenzaha.

F'waħda mit-taħditiet tagħha organizzati mill-Għaqda Studenti tat-Teoloġija, is-sottosegretarja tas-sinodu tal-isqfijiet Sr Nathalie Becquart tkellmet fuq l-importanza li nkunu kapaċi nitkellmu b'żewġt ilsna: l-ilsien tal-Knisja u l-ilsien tan-nies ta' żmienna.

B'ħarsa mixħuta lejn il-Knisja f'Malta ta' għada, is-Seminarju huwa mpenjat sabiex dan il-proċess ta' ndukrar bl-Evanġelju jseħħ tassew fl-oqsma differenti tal-ħajja.

# KIF IPPREPARAK IS-SEMINARJU GĦALL-ĦAJJA PASTORALI?

**FR GYLAN CAMILLERI U FR CLIVE SEYCHELL** - SAĊERDOTI NOVELLI

Bħalma jiġri ħafna drabi fil-ħajja tagħna ta' kuljum - naraw l-iktar il-frott ta' dak li jkun ġara fina meta jgħaddu numru ta' xhur jew snin. Is-Seminarju mhux inqas. Għalkemm hemm ċertu realtajiet fil-formazzjoni – speċjalment dawk bl-għan dirett li wieħed jikber fil-ħajja pastorali tiegħu – fejn wieħed iktar faċli jara' l-frott tagħhom, hemm oħrajn li l-frott tagħhom huwa iktar impliċitu.

Fost dawk l-aktar ovvji huma d-diversi esperjenzi f'parroċċi u għaqdiet li nagħmlu matul is-sena kollha u/jew fiż-żmien tas-sajf. Dawn huma mumenti aktar intensivi fejn wieħed jidħol aktar fil-fond tal-ħajja pastorali tal-qassis u jmiss iktar mill-qrib il-ferħ, in-niket, il-ħolm, il-biżgħat u d-diżappunti tan-nies. Speċjalment meta wieħed imiss it-tbatija tan-nies, wieħed jinduna li frott il-formazzjoni dan jista' jagħmel ċerta għażliet f'dik is-sitwazzjoni. Il-preżenza tagħna hija l-iktar ħaġa essenzjali, anki jekk m'hemmx kliem xi tgħid – anzi f'ċertu mumenti l-kliem ikun żejjed, b'mod speċjali quddiem dan il-misteru tat-tbatija.

Però hemm mumenti oħrajn li huma ta' għajnuna biex wieħed ikun preparat għall-ħajja pastorali, bħalma huma il-mumenti diffiċli mal-komunità, jew il-mumenti ta' diffikultà jew kriżi li s-seminarista jgħaddi minnhom matul il-mixja fis-Seminarju. Li huwa żgur huwa li Alla ma jaħlix mument wieħed biex jużah għall-ġid tagħna u ta' dawk li aħna se nservu.



**Segwi mumenti mill-ordinazzjoni presbiterali**

# L-IMPORTANZA TAL-QDUSIJA

**FR MARK SULTANA** - DIRETTUR SPIRITWALI

Forsi llum il-qdusija ma tantx għadha tissemma' u forsi wkoll ma tantx nafu x'inhi. U din hi ħasra għax kulħadd hu msejjaħ għall-qdusija. Jekk ma nsirux qaddisin inkunu ħlejna ħajjitna! Il-qdusija mhijiex perfezzjoni u ma tfissirx li nsiru mingħajr difetti. Imma tfisser li rridu nkunu fidili lejn Alla jum wara l-ieħor, li rridu nilqgħu l-imħabba u l-maħfra li joffrielna kontinwament u li rridu nwasslu mħabbtu u Kelmtu kull fejn inkunu. Tfisser vjaġġ ta' fidi f'rabta mal-Knisja fejn nikbru – aktarx bil-mod il-mod – filwaqt li nirċievu l-grazzja ta' Alla ħanin. Tfisser eroiżmu ta' mħabba, mgħixa fil-ħajja ordinarja, u msoqqija mill-Kelma ta' Alla, mis-sagramenti, u mit-talb personali. Tfisser li nħobbu b'mod umli u li nkunu nafu mmutu għalina nfusna. Tfisser li nitolbu.

Dan kollu jgħodd għal meta nitkellmu dwar il-qdusija tas-saċerdoti. Imma, kif qalu diversi qaddisin – minn Santu Wistin għal San Ġwann Kriżostmu, u mill-Kurat t'Ars għal Sant'Anton Marija Claret – mill-qdusija tal-qassis jiddependi ħafna. Minħabba l-fatt li l-qassis għandu r-responsabbiltà li jsaħħaħ il-ħajja ta' fidi tal-oħrajn permezz tal-Kelma li jħabbar, tas-sagramenti li jiċċelebra u tat-tmexxija tal-komunità fdata f'idejh, mill-qdusija tiegħu jiddependu bosta u bosta oħrajn. Għalhekk Mons. Salv Grima kien iħeġġeġ ħafna t-talb għall-qdusija tas-saċerdoti. Nitolbu għall-qassisin tagħna biex, fi kliem il-Papa Franġisku, permezz ta' qrubija lejn Alla, lejn l-Arċisqof, lejn saċerdoti oħra, u lejn il-poplu, jikbru fil-qdusija għall-ġid tagħhom u għall-ġid tagħna lkoll.



Tajjeb nitolbu din it-talba ta' Santa Tereża ta' Lisieux għall-qdusija tas-saċerdoti tagħna:

O Ġesù, nitolbok għas-saċerdoti
tajba u ħabrieka tiegħek,
għal dawk illi huma ftit berdin,
għal dawk li qegħdin jaħdmu
f'pajjiżhom jew inkella f'pajjiżi 'l
bogħod tal-missjoni,
għal dawk li huma ttentati kontra
l-vokazzjoni tagħhom,
għal dawk li jħossuhom
waħedhom,
għas-saċerdoti żgħażagħ, anzjani,
morda,
għal dawk li qed imutu u
għall-erwieħ tal-qassisin li hemm
fil-purgatorju.
Imma fuq kollox, nirrikmandalek
is-saċerdot li għammidni,
dawk li jaħfruli dnubieti,
dawk li qaddsu quddies li ħadt
sehem fih
u li permezz tagħhom irċivejt
il-ġisem u d-demm tiegħek
fit-tqarbin.
Żommhom kollha qrib tiegħek.

Ammen.



# X'GĦADDA MINGĦALINA?



**12 ta' Novembru 2022**
Ħarġa ta' San Martin



**5 – 8 ta' Diċembru 2022**
Seek Encounter



**6 ta' Diċembru 2022**
Il-komunità tas-Seminarju
tipparteċipa
fis-servizz ekumeniku
bil-parteċipazzjoni
tal-Patrijarka Bartilmew I



**8 ta' Diċembru 2022**
Kandidatura tas-seminarista
Matthew Sammut



**16 ta' Diċembru 2022**
Laqgħa mas-sorijiet
tas-Sacred Heart

**29 ta' Jannar 2023**
Għoti tal-ministeru
tal-lettorat lis-seminarista
Matthew Sammut





**2 ta' Frar 2023**
Ċelebrazzjoni tal-Gandlora
bil-parteċipazzjoni
tal-parroċċa tar-Rabat

**6 - 10 ta' Marzu 2023**
Eżerċizzji spiritwali mat-tfal
tas-Seminarju Minuri





**9 - 10 ta' Marzu 2023**
Il-komunità tas-Seminarju
pparteċipat f'serje ta' laqgħat
minn Sr Nathalie Becquart
organizzati mill-Għaqda
Studenti tat-Teoloġija

**3 - 5 ta' Frar 2023**
Weekend Għawdex





**1 ta' April 2023**
Ċelebrazzjoni ta' Ħadd
il-Palm mal-ġenituri
u l-benefatturi
tas-Seminarju

# ID-DJAKONAT: STIL TA' ĦAJJA GĦALINA L-INSARA

**REV. MALCOLM SALIBA U REV. KARL ANDREW SCHEMBRI** - SENA VI

Nirringrazzjaw lil Alla talli rċivejna l-ministeru tad-djakonat, nhar is-Sibt 22 ta' April, ta' din is-sena, minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna. Minbarra r-responsabbiltajiet tad-djaknu li jwassal il-Kelma ta' Alla, jgħammed, jassisti għaż-żwieġ u jbierku kif ukoll imexxi l-liturġija tal-funerali, id-djaknu għandu wkoll jimpenja ruħu biex ikun viċin dawk li għandhom bżonn l-għajnuna, speċjalment, il-morda u l-vulnerabbli. Id-djaknu għandu jkun bniedem li jħobb u jaqdi lil kulħadd mingħajr kundizzjoni u li jfittex li jemmen u jgħix dak kollu li jxandar permezz tal-Kelma ta' Alla.

B'hekk aħna wkoll bħala Nsara msejħin biex fil-Knisja jkollna dan is-sens sabiħ ta' qadi lejn l-oħrajn. Biex wieħed iħobb mingħajr kundizzjoni, irid, qabel xejn, jidħol f'relazzjoni ma' Ġesù fit-talb. B'hekk nindunaw li rridu nħarsu lejn il-ħajja minn lenti differenti. Il-qari tal-Kelma ta' Alla kif ukoll l-Ewkaristija, huma ċ-ċavetta biex wieħed jikber fil-fidi u jasal biex jixhed għat-twemmin tiegħu fil-familja, fil-parroċċa, fil-postijiet tax-xogħol kif ukoll f'tant postijiet li nkunu. Ġesù stess għandu jkun il-mudell ta' ħajjitna li wasal jesprimi din l-imħabba propju permezz tal-ħasil tas-saqajn tad-dixxipli biex jurina b'mod konkret li l-imħabba tissarraf biss fil-qadi. Ġesù dejjem jibqa' il-mudell tagħna biex mingħandu niksbu l-Ispirtu tiegħu li jqawwina u jmexxina. Din hija vokazzjoni għalina lkoll, u m'għandniex ngħixuha b'mod individwali, iżda ngħixu dan l-ispirtu ta' qadi fi ħdan il-Poplu ta' Alla, jiġifieri ma' dawk li huma qrib tagħna, kemm fil-familja kif ukoll fl-ambjenti differenti li aħna msejħin inkunu preżenti fihom.



**Segwi mumenti mill-ordinazzjoni djakonali**

# L-EWWEL TLIET SNIN U R-RABA' SENA

**MARVIC MALLIA U ANDRÉ PSAILA** - SENA III

Wasalna lejn l-aħħar tat-tielet sena. Tliet snin, li minkejja li jistgħu jidhru twal, żgur li ħassejna li għaddew malajr. Kien żmien li fih kellna diversi opportunitajiet biex nikbru kemm bħala persuni kif ukoll fil-mixja tagħna lejn is-saċerdozju. Dan għamilnieh fuq diversi aspetti, bħal ngħidu aħna l-parroċċi, l-istituzzjonijiet, l-istudju fl-Università u l-ħajja komunitarja.

Issa wasalna għar-raba' sena, jiġifieri s-sena "barra". Din ngħixuha barra mis-seminarju, u matulha nimirħu f'esperjenzi differenti minn dawk tas-soltu. Din is-sena tkun imqassma minna stess, fejn wieħed jagħraf opportunitajiet ġodda li jistgħu jkunu ta' għajnuna għall-formazzjoni personali tiegħu. Ġeneralment din tkun tinkludi esperjenza pastorali għal xi xhur fi djoċesi f'pajjiż ieħor, perjodu ta' xogħol u anke xi jiem ta' irtir. Li mmorru f'pajjiż 'il bogħod minn dak tagħna toffri sfida sabiħa u opportunità biex niskopru r-realtajiet li jeżistu fil-Knisja f'kuntesti varji.

It-tħejjijiet għas-sena barra tagħna waslu lejn it-tmiem tagħhom. Dan grazzi għall-għajnuna ta' saċerdoti li huma stess għamlu esperjenza simili qabilna u għal dawk is-saċerdoti li aċċettaw li nagħmlu din il-fażi ta' formazzjoni magħhom. Aħna mħeġġin niskopru aħjar Alla xi jrid minna, u dan fid-dawl tal-esperjenzi li se nkunu qegħdin nagħmlu matul din is-sena. F'dan il-perjodu ta' bidla fl-aspett formattiv, inroddu ħajr lil Alla għall-ewwel tliet snin, u nħarsu 'l quddiem għas-sena li ġejja.



# L-ISPIRTU FEJN JIDĦOL?

**LUKE VELLA** - SENA II

It-tema ta' din is-sena, "**Komunità li tixtieq toħroġ tiltaqa' ma' kulħadd bil-musbieħ tal-Vanġelu mixgħul f'idejha**", xprunat il-komunità tagħna lejn id-dinamika sinodali li l-Knisja qed tistedinna naddottaw fl-ispazji tagħna. Il-ġrajja skritturali tad-dixxipli ta' Emmaws issejħilna sabiex nimxu flimkien ma' Ġesù waqt li hu jibqa' jimxi magħna. Din l-attitudni ta' akkumpanjament li Ġesù jagħmel magħna twassalna biex aħna wkoll nimxu ma' oħrajn billi nkunu ta' smigħ u sostenn. B'dan il-mod inkunu nistgħu nagħrfu aktar x'inhuma s-sinjali taż-żminijiet.

Fil-bidu tas-sena, Patri Ray Pace SJ kien mistieden sabiex jintroduċi d-dixxerniment komunitarju. Għal dan l-eżerċizzju, kull membru tkellem dwar x'inhu jurih Alla inkwantu l-komunità tas-seminarju. Frott it-talb u r-reżonanza li jħalli fina, kienu diversi grazzji li tagħhom aħna xhieda. Fosthom ħarġet l-esperjenza tas-*Seek Encounter* li diversi persuni laqgħu s-sejħa u ngħaqdu magħna għal tlett ijiem. Apparti li setgħu jduqu ftit mill-mod kif ngħixu, huma wkoll ġew mistednin jirriflettu dwar kif naddottaw dan id-dixxerniment fil-ħajja ta' kuljum.

F'Marzu li għadda, il-komunità tagħna pparteċipat f'serje ta' konferenzi organizzati mill-Għaqda Studenti tat-Teoloġija u l-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta, li għalihom kienet mistiedna s-sottosegretarja u konsultur għas-Sinodu tal-Isqfijiet, Sr Nathalie Becquart. Hi stqarret li minkejja l-ħidma pożittiva li l-Knisja qed tagħmel f'dan ir-rigward, hemm riskju partikolari: li ninqatgħu mis-sors ta' dan kollu – l-Ispirtu s-Santu. Huwa l-Ispirtu li Ġesù nefaħ fuq id-dixxipli tiegħu fiċ-ċenaklu li jrid ikun il-gwida f'dan kollu. Fi xbieha ta' nar, kebbes il-qlub ta' dawk li rċevewh u ħarġu jixhdu x'għamel Alla fil-ħajja tagħhom. Dan huwa proprju dak li nistqarru ta' kuljum fl-Ewkaristija: "*Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej; inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek, nistennewk sa ma tiġi fil-glorja.*" Imsostnin bil-Kelma u mitmugħin bil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, aħna wkoll inkunu dixxipli u xhieda tal-ferħ, tat-tama u d-dawl – li hu Kristu.

B'din l-attitudni sinodali, nifhmu dejjem iktar l-identità tagħna bħala Nsara, mhux bħala individwi per se iżda b'mod komunitarju bħala Knisja. Kif jgħid San Pawl lill-Korintin, "*la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed*". (1Kor. 10:17)



# L-EVANĠELIZZAZZJONI FI ŻMIEN TEKNOLOĠIKU

**ADAM BALDACCHINO** - SENA I

Fil-Knisja tal-lum naraw enfasi kbir fuq ix-xandir u l-għajxien tal-Evanġelju. Il-Papa tenna bosta drabi li, "l-ferħ u l-missjoni tal-Knisja hija l-evanġelizzazzjoni". Iżda mhux daqshekk faċli napplikaw din il-missjoni tagħna fil-ħajja ta' kuljum. It-teknoloġija qiegħda tieħu ċ-ċentru tal-attenzjoni għaliex għandha impatt fuq ħafna aspetti tal-ħajja tagħna, iżda tista' tkun ta` servizz għall-ġid tal-bniedem jew ostaklu.

Sfortunatament, it-teknoloġija tista' tisraq ħafna mill-ħin liberu tal-individwu. Ir-riċerka turina li l-medja tan-nies tuża l-midja soċjali għal kważi sagħtejn u nofs kuljum (Oberlo, 2022), wisq! Miljuni ta' nies imwaħħlin mal-iskrin jittajpjaw u jargumentaw fuq suġġetti kontroversjali. Minflok, ikun aħjar li jinħoloq djalogu u jinxtered messaġġ fuq il-verità li tirrifletti l-valuri intrinsiċi tal-ħajja.

Tajjeb li nużaw it-teknoloġija biex nuru s-sbuħija tal-Evanġelju. Dan hu eżattament dak li għamel qassis Taljan, Don Robert Fisher, fuq Tik Tok. F'dan il-vidjow, li rawh aktar minn erba' miljun persuna, naraw lil dan il-qassis jiskorja gowl sabiħ u jiċċelebra qisu Ronaldo, waqt li qiegħed jirringrazzja lil Alla. Għalija, dan hu xempju ta' evanġelizzazzjoni fuq l-internet, li għalkemm huwa sempliċi fil-forma, iġiegħel lin-nies jistaqsu d-domandi fuq il-fidi. Il-midja soċjali tgħinna wkoll biex nibnu komunitajiet virtwali ta' fidi, fejn permezz ta gruppi onlajn, wieħed jkun jista` jxandar kontenut li jista´ jgħinna fil-mixja tagħna lejn Kristu.

Madankollu, jien nibqa' tal-fehma li l-evanġelizzazzjoni l-aħjar ssir wiċċ imb' wiċċ, billi nagħmlu ħbieb ma' nies li huma 'l bogħod mill-fidi u nsiru familjari mas-sitwazzjonijiet li dawn n-nies jinsabu fihom. Huwa wisq faċli li taħbi r-realtà fuq il-midja soċjali. B'dan l-atteġġjament inkunu nistgħu inwettqu din il-missjoni tagħna, bil-ferħ ta' Kristu.



# TIXTIEQ TGĦIN LIS-SEMINARJU?

Ta' kull sena aħna nafdaw fil-ġenerożità tagħkom u fl-għajnuna li dejjem offrejtu lis-Seminarju.

Flimkien mat-talb tagħkom tista' tgħin billi:

Tibgħat ċekk bl-offerta tiegħek indirizzat ls-Seminarju tal-Arċisqof fl-indirizz postali: **Seminarju tal-Arċisqof, 90 Triq Tal-Virtù, Rabat RBT 2604**.

Tgħaddi l-offerta tiegħek lis-Seminarju fuq il-kont tal-APS Bank plc – dettalji tal-kont:
**The Archbishop's Seminary – Major**
**IBAN Number: MT15APSB77068000499110499130014**
**SWIFT Code: APSBMTMT**

Tħallas Borża ta' Studju ta' €600 (jew parti minnha) li tista' tħallasha f'daqqa jew tagħżel li tħallas ammont żgħir kull xahar kemm tixtieq int.

Grazzi mill-qalb tal-għajnuna u s-sehem tiegħek fil-formazzjoni tas-Seminaristi.



+356 2145 5497/8 seminary.org.mt info@seminary.org seminary.malta